# It-Tieni Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Jiena nagħmel minnek dawl għall-ġnus.*

Is 49, 3.5-6

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

Il-Mulej qalli:
3 «Iżrael, inti l-qaddej tiegħi,
bik jiena nkun imfaħħar.»

5 Issa tkellem il-Mulej,
li minn ġuf ommi għamilni qaddej tiegħu,
biex għandu nraġġa' lura lil Ġakobb,
u biex Iżrael jinġabar miegħu mill-ġdid
– għax jien kont imfaħħar f'għajnejn il-Mulej,
u Alla tiegħi kien il-qawwa tiegħi –
6 u Hu qalli:
«Tkun ħaġa żgħira wisq għalik,
li inti tkun il-qaddej tiegħi,
biex tqajjem it-tribù ta' Ġakobb,
u traġġa' lura l-fdal ta' Iżrael.
Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus,
biex is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art tinfirex.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 39 (40), 2.4ab.7-8a.8b-9.10

R/. (8a.9a): Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek

[2]Ittamajt b'tama qawwija fil-Mulej;
hu niżel ħdejja u sama' l-għajta tiegħi.
[4]Qegħedli fuq fommi għanja ġdida,
għanja ta' tifħir lil Alla tagħna. R/.

[7]Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u b'offerti;
imma widnejja inti ftaħtli;
ma tlabtnix vittmi tal-ħruq u tat-tpattija.
[8]Imbagħad jien għedt: «Hawn jien, ġej.» R/.

[8]«Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi
[9]li nagħmel ir-rieda tiegħek.
Alla tiegħi, dan jogħġobni;
il-liġi tiegħek ġewwa qalbi.» R/.

[10]Xandart il-ġustizzja f'ġemgħa kbira;
xufftejja ma żammejthomx magħluqa.
Mulej, dan inti tafu. R/.

# Qari II

*Grazzja lilkom u sliem minn Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu.*

1 Kor 1, 1-3

**Bidu ta' l-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

1 Pawlu, li Alla ried isejjaħlu biex ikun appostlu ta' Kristu Ġesù,
u Sòsteni ħuna, 2 lill-knisja ta' Alla li qiegħda f'Korintu; lil dawk
li tqaddsu fi Kristu Ġesù, imsejħa biex ikunu qaddisin flimkien
ma' dawk kollha li f'kull pajjiż isejħu l-isem ta' Ġesù Kristu, is-Sid
tagħhom u tagħna; 3 grazzja u sliem mingħand Alla missierna u
l-Mulej Ġesù Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 1, 14a.12a

Hallelujah. R/. Hallelujah
Il-Verb sar bniedem u għammar fostna,
u lil dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Hawn hu l-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja.*

Ġw 1, 29-34

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

F'dak iż-żmien, [29]Ġwanni, ra lil Ġesù riesaq lejh, u qal: «Araw
il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja. [30]Dan hu li għalih
għedtilkom: "Warajja ġej bniedem li hu aqwa minni, għax kien
qabli." [31]Anqas jien stess ma kont nafu, imma jien għalhekk ġejt
ngħammed bl-ilma, biex hu jkun mgħarraf lil Iżrael.»

[32]U Ġwanni xehed għalih u qal: «Jiena rajt l-Ispirtu nieżel mis-sema
bħal ħamiema u joqgħod fuqu. [33]Tabilħaqq, anqas jien ma kont
nafu; imma dak li bagħatni ngħammed bl-ilma, hu stess qalli: "Fuq
min tara l-Ispirtu jinżel u joqgħod, dak hu li jgħammed bl-Ispirtu
s-Santu." [34]Dan rajtu b'għajnejja, u għalhekk xhedt, dan hu l-Iben ta'
Alla.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu